MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-5 ta' April, 2011

Rikors Numru. 33/2006

Tarek Mohammed Ibrahim
vs
Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih espona:

Illi r-rikorrent huwa ta' origini Egizzjana u kien kiseb ic-cittadinanza ta' Malta wara li zzewweg lil Anna Grech fis-16 ta' Mejju 1998.

Illi b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghtija fit-30 ta' Marzu 2004 fl-ismijiet **"Anna Grech vs Tarek Mohammed Ibrahim"** (Citazzjoni numru 285/2001) kien gie deciz li z-zwieg li kien sar bejn ir-rikorrent u Anna

Grech kien null u bla effett minhabba li l-kunsens kien gie miksub b'qerq.

Illi fis-17 ta' Mejju 2005 huwa kien gie nfurmat mid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates illi kien hemm il-hsieb li jsir ordni a tenur ta' l-artikolu 14(1) tal-Kap. 188 dwar ic-Cittadinanza ta' Malta sabiex tittehidlu c-cittadinanza Maltija.

Illi r-rikorrent kien deher quddiem Kumitat ta' Inkjesta li wara li kien sema' l-kaz, ghadda r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-intimat.

Illi r-rikorrent talab kemm-il darba li jinghata kopja tax-xhieda ta' martu Anna Grech kif ukoll kopja tad-decizjoni ossia rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta, izda dawn ir-rikjesti kienu gew rifjutati.  Fil-fatt, kien ghadu sallum ma jafx x'kien gie deciz mill-Kumitat ta' Inkjesta.

Illi fit-12 ta' April 2006 l-intimat Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern hareg ordni:
*In terms of subarticle (1) of Article 14 of the Maltese Citizenship Act (Cap 188), it is hereby ordered that Mr Tarek Mohammed Ibrahim (holder of Maltese identity Card No. 193399M), a son of Ibrahim Mohammed Salim and Naim Malka, born in Cairo, Egypt on the 9 December 1971 and presently residing at 'Zistrazza', Triq il-Pellikan, The Village, San Gwann, be deprived of his Maltese citizenship with immediate effect.*

Illi fit-13 ta' April 2006 huwa kien gie mitlub biex jirritorna lid-Dipartiment ic-certifikat ta' registrazzjoni tieghu bhala cittadin Malti li kellu n-numru 6378 sabiex dan jigi kancellat.

Illi r-rikorrent kien ipprezenta kawza civili li fiha kien qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-affidavit ipprezentat minn martu Anna Grech fil-kawza civili fuq imsemmija fih xiehda falza. Difatti, filwaqt li martu Anna Grech fil-Qorti kienet iddikjarat li z-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza, quddiem il-Kumitat ta' Inkjesta hija kienet iddikjarat li huma kienu zzewgu wara relazzjoni u li damu mizzewgin aktar minn

tlett snin, qasmu l-hajja mizzewga u martu sahansitra qalbet ir-religjon taghha minn Kattolika ghal dik Islamika. Illi ghalhekk is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet inkisbet bis-sahha ta' xiehda falza.

Illi barra minn hekk, filwaqt li nghataw ghadd kbir ta' sentenzi li kienu ddikjaraw li z-zwieg li sar kien wiehed ta' konvenjenza, id-Dipartiment ma kienux hass li jiehdu passi kontra l-irgiel jew nisa kollha citati bhala konvenuti f'dawn il-kawzi.

Illi inoltre, filwaqt li d-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates jircievi diversi komuniki ta' sentenzi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li jirrigwardaw zwigijiet ta' konvenjenza, id-Dipartiment ma kienx ha passi kontra l-irgiel jew nisa kollha mharrka bhala konvenuti f'dawn il-kawzi.

Illi d-Dipartiment intimat ilu 'l fuq minn tliet snin ma jmexxi kontra xi ragel jew mara sabiex titnehhielu c-cittadinanza Maltija, u dan minkejja numru kbira ta' sentenzi li ddikjaraw li z-zwieg li sar kien wiehed ta' konvenjenza. Ghall-kuntrarju, id-Dipartiment kien mexxa kontra r-rikkorent sabiex titnehhielu c-citadinanza Maltija minkejja li z-zwieg tieghu ma kienx wiehed ta' konvenjenza.

Illi dan kien jikkostitwixxi trattament diskriminatorju minhabba r-razza, il-post ta' origini u t-twemmin.

Illi minhabba dan, lir-rikorrent kienet tnehhietlu c-cittadinanza tieghu Maltija u huwa kien gie espost ghall-periklu li jitnehha minn Malta.

Illi b'rizultat ta' din id-diskriminazzjoni, ir-rikorrent kien gie assoggettat ghal trattament li persuni ta' deskrizzjoni ohra simili ma kienux gew suggetti ghalih, u dan il-ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Barra minn hekk, fis-sena 2003 ir-rikorrent kien iltaqa' ma' mara ta' nazzjonalita` Bulgara, Anna Zahariva, u fil-5 ta' Jannar 2005 huma twelditilhom tifla, Jasmine Ibrahim, li hija cittadina Maltija u ta' l-Unjoni Ewropea.

Illi l-konsegwenzi ghar-rikorrent bit-tnehhija tac-cittadinanza Maltija lilu kienu sejrin ikunu ta' pregudizzju kbir ghalih bhala missier Jasmine Ibrahim, kif ukoll ghar-responsabbiltajiet tieghu bhala missier it-tifla. Bit-tnehhija tac-cittadinanza, ir-rikorrent ma kienx se jkun aktar f'pozizzjoni li jgawdi l-hajja u r-rabta tal-familja ***[family ties]*** ma' bintu Jasmine Ibrahim, u dan bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Kap 319. Tenut kont tal-fatt li indubbjament kien fl-ahjar interess ta' Jasmine li missierha jibqa' jghix Malta, tali interessi tal-hajja tal-familja jissuperaw il-formalizmu eccessiv manifestat mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates.

Fl-ahharnett, il-fatt li r-rikorrent kien gie arbitarjament imcahhad milli jkollu kopja tad-decizjoni tal-Kumitat ta' Inkjesta kien manifestament ippregudika b'mod determinanti l-jedd fondamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq, in kwantu huwa ma kienx tpogga f'qaghda li jkun jista' jikkontesta mhux biss id-decizjoni li ttiehdet kontra tieghu izda wkoll il-motivazzjoni ghal tali decizjoni.

Illi l-Kumitat ta' Inkjesta kien jikkwalifika bhala organu gudizzjarju *ai termini* tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, stante li l-Kumitat ta' Inkjesta kien kompetenti biex jiehu konjizzjoni u jiddetermina finalment kwistjonijiet dwar il-jeddijiet u obbligi civili tar-rikorrent fir-rigward tat-tnehhija tac-cittadinanza tieghu Maltija.

Konsegwentement, ir-rifjut da parti ta' l-intimati li jaghtu lir-rikorrent kopja tad-decizjoni tal-Kumitat ta' Inkjesta kien jilledi l-Artkolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar smigh xieraq (Kap 319) kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet:

1. ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319, l-Ewwel Skeda) dwar smigh xieraq u ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ghar-ragunijiet fuq imfissra;

2. ta’ l-imsemmi Artikolu 45 dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur jew fidi “li minhabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn” u

3. ta’ l-imsemmi Artikolu 8 tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem,

billi, fost affarijiet ohra,

a) tiddikjara li t-tnehhija tac-cittadinanza Maltija lir-rikorrent kienet tikkostitwixxi trattament diskriminatorju u saret bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni,

b) tiddikjara wkoll li t-tnehhija tac-cittadinanza Maltija lir-rikorrent tikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja tal-familja garantit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) u

c) tordna li r-rikorrent ghandu jinghata lura c-cittadinanza Maltija.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li eccepew:

Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kienu kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

**1. <u>Ebda ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta</u>**

Ir-rikorrent jallega li huwa kien sofra trattament diskriminatorju mill-intimati u dana bi ksur ta’ l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Illi l-agir tal-intimati fil-konfront tar-rikorrent kien wiehed ghal kollox legittimu. Id-decizjoni mehuda mill-intimati kienet wahda fit-termini tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim’Awla fit-30 ta’ Marzu, 2004 li kienet iddikjarat iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u Anne Grech bhala wiehed null u bla ebda effett legali *ab inizio* stante li l-kunsens kien vizzjat peress li z-zwieg taghhom kien wiehed ta’ konvenjenza.

Isegwi li l-allegat “perikolu” li r-rikorrent kien ilmenta li llum gie espost ghalih bit-tnehhija tac-cittadinanza Maltija kien konsegwenza ta’ l-agir tieghu stess, u li ghaldaqstant ebda tort ma kellu jigi attribwit lill-intimati.

Illi bla predugizzju ghas-suepost, l-intimat Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates kien ittratta kazijiet ta’ zwigijiet ta’ konvenjenza li jwasslu ghal hrug ta’ ordni biex tigi dipravata c-cittadinanza Maltija fil-konfront ta’ diversi persuni, fosthom persuni Egizzjani, Lebanizi, Libjani kif ukoll Inglizi, u dana irrispettivament mir-razza, twemmin u post ta’ origini taghhom. Ghaldaqstant l-allegazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ l-intimat Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates illi huwa kien agixxa biss fil-konfront tar-rikorrenti, kif ukoll illi l-ezercizzju ghat-tnehhija sar mill-istess intimati b’mod diskriminatorju jew li kien sar b’ mod irregolari, kienu allegazzjonijiet ghal kollox frivoli.

Illi in vista tas-suepost, m’hemm ebda ksur ta’ dan l-Artikolu.

**2. <u>Ebda ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni</u>**

Illi dawn l-Artikoli kienu inapplikabbli ghall-kaz odjern li materja li tirrigwarda cittadinanza hija kwistjoni ta’ dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala “dritt jew obbligu civili” ghal finijiet tal-istess Artikoli.

Illi f'dan il-kuntest, l-intimati ghamlu referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Abera Woldo Hiwot *et* vs Il-Professur Dr Henry Frendo *et***, rikors numru 25/2002/1 deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-18 ta' Novembru 2004, fejn f'pagna 4 l-Onorabbli Qorti tghid hekk:
"Hija gurisprudenza stabbilita li proceduri dwar tkeccija ta' min ma huwiex cittadin tal-pajjiz, ma humiex proceduri li fihom tinghata decizjoni dwar drittijiet civili, u ghalhekk ma ntlaqtux mill-provvedimenti dwar smieh xieraq. Din il-posizzjoni kienet ukoll konfermata b'decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-kaz **Mamatkulov u Abdurasolovic kontra t-Turkija**:
*1. The Court reiterates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant's civil rights or obligations or of a criminal charge against him, within the meaning of Article 6 of the Convention (Maaouia vs. France).*

*2. Consequently Article 6(1) is not applicable in the instant case"*

Illi dawn l-Artkoli kienu wkoll inapplikabbli stante li l-Kumitat ta' Inkjesta ma kenitx la Qorti u anqas awtorita` gudikanti mwaqqfa b'ligi, imma sempliciment Kumitat li jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-intimat Ministru ghall-Gustizja u l-Intern wara li jkun sema' lill-partijiet koncernati. Id-decizjoni finali dwar kull kaz hija ta' l-intimat Ministru li jista' jaghzel li jaccetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat.

Dan il-punt kien gie deciz mill-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla fil-kawza **Eddie Cachia vs Dr Joseph Galea Debono et,** deciza nhar il-21 ta' Mejju, 1993, fil-konfront tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, fejn a fol. 13 l-istess Qorti tghid hekk-:
"Il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrent li d-decizjoni jew ahjar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummisjoni tammonta ghal '*determination of civil right and obligation*'. Il-Kummisjoni ma tiddetermina ebda dritt jew obbligu fil-konfront tac-cittadin izda tinvestiga biss jekk,

indipendentement minn dak id-dritt jew obbligu, l-awtorita` kienet influenzata minn xi pregudizzju u fil-kas li jirrizulta dan il-pregudizzju, taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha."

Illi l-awturi **DJ Harris, M O'Boyle & C Warbrick** jghidu li ghal finijiet tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni -
*"an important feature of a tribunal is that it must be competent to take legally binding decisions; the capacity to make recommendations or give advice (even if normally followed) is not enough."*

Illi in vista tas-suepost l-intimati ma setghux jitqiesu li kisru ebda dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti u lanqas kienu tenuti jghaddu kopja tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat jew ta' xhieda moghtija quddiem l-istess Kumitat lir-rikorrent.

Illi pero` gie rivelat ghal kull buon fini li r-rikorrent ricentement kien ghamel talba lill-intimat Ministru sabiex jottjeni kopja tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Inkjesta, liema talba kienet ghadha ma giet komunikata lilu ebda decizjoni dwarha u ghalhekk ir-rikkorent kien zbaljat meta *a priori* kien allega rifjut ghat-talba tieghu.

Illi in vista tas-suepost, ghal darb'ohra ma kien hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu.

**3. <u>Ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**
Illi in kwantu r-rikorrent kien ilmenta li bit-tnehhija tac-cittadinanza Maltija huwa kien se jsofri ksur ta' drittijiet taht l-Artikolu 8, kien gie rilevat illi l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza ma kienx dritt li johrog mill-Konvenzjoni Ewropea kif kien juri d-dokument mehud mill-Ewwel Volum tal-**iStrasbourg Case Law** anness bhala **Dok AG 1** u ghalhekk l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ma setax jigi invokat ghall-kaz odjern.

Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suepost, kuntrarjament ghal dak li kien qal ir-rikorrent, it-twelid ta' bint ir-rikorrent minn relazzjoni extra-konjugali ma' mara Bulgara ma tattribwixxix ic-cittadinanza Maltija lill-istess wild.

Illi wkoll bla predugizzju ghas-suepost il-fatt innifsu li r-rikorrent kellu tarbija ma kienx jammonta ghal *"family life"* kif stabbilit fl-Artikolu 8.

Illi ulterjorment gie eccepit li l-obbligu ta' l-iStat huwa li jirrispetta d-dritt ghal hajja familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi persuna li tistabbilixxi hajja familjari f'gurisdizzjoni partikolari. Hekk ir-rikorrent (li tilef ic-cittadinanza Maltija) ma kellu ebda dritt li jippretendi gewwa Malta hajja familjari ma' mara Bulgara u wild b'cittadinanza mhux Maltija.

Illi l-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma kienet tipprotegi d-dritt ta' persuna li tghix fi Stat Membru partikolari.

Illi b'hekk ir-rikorrent ma kellu ebda raguni valida taht il-Konvenzjoni sabiex ikollu "*family life*" hawn Malta, u *di piu`* ma kien hemm xejn li jzommu milli jistabilixxi "*family life*" fi kwalunkwe pajjiz iehor (Samie El Yeferni v L-Onor. Prim Ministru et, deciza mill-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) datata 28 ta' Gunju, 2005).

Illi in vista tas-suepost, ma kien hemm ebda ksur ta' l-anqas dan l-artikolu.

Illi l-intimati filwaqt li gabu s-suepost a konjizzjoni ta' din il-Qorti, talbu li t-talbiet tar-rikorrent jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat:

**C. SENTENZA TAT-28 TA' FRAR, 2007:**

Illi fit-28 ta' Frar, 2007 din il-Qorti kif presjeduta qalet:

"Fil-kors tal-kawza irrizulta li:

- Ir-rikorrenti huwa ragel ta' nazzjonilta` Egizzjana u fir-rikors ippremetta li bis-sahha ta' zwieg li

kellu ma' Anna Grech akkwista c-cittadinanza Maltija. In segwitu z-zwieg tieghu gie dikjarat null mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Wara gie nfurmat mid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates bil-hsieb li tinhareg Ordni a tenur tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex titnehhielu c-cittadinanza Maltija.

- Ir-rikorrent deher quddiem Kumitat ta' Nkjesta li wara li sema` l-kaz ghadda r-rakkomandazzjoni tieghu lill-Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern. Illi b'Ordni mahrug mill-Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern tnehhiet ic-cittadinanza Maltija lir-rikorrent a tenur tal-Artikolu 14 (1) tal-Kap 188 u bil-possibilta` ghalhekk li huwa jitnehha minn Malta.

- Fil-fehma tar-rikorrent dan jammonta ghal trattament diskriminatorju billi skond ma qal hu gie assoggettat ghal trattament li persuni ta' deskrizzjoni simili ma gewx assoggettati ghalih, u bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

- Semma wkoll li wara kellu relazzjoni extra-konjugali ma' mara Bulgara u kellu tifla, u t-tnehhija tac-cittadinanza maltija u t-tnehhija tieghu minn Malta ser ittelliflu d-dritt li jgawdi r-rabta ta' familja bi vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

- Sostna wkoll li gie michud milli jinghata kopja tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta li jammonta ghal nuqqas ta' smiegh xieraq bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

<u>Ikkunsidrat dwar:</u>

***<u>L-applikabilita` o meno tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni</u>***........

Il-Qorti thoss li materja dwar cittadinanza hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u ma tikkwalifikax taht "dritt jew obbligu civili" ghall-finijiet tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni. Dan iwassal li d-decizjoni tal-Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja dwar cittadinanza tar-

rikorrent ma tinkwadrax fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba li hija materja ta' dritt pubbliku. Anqas ma huwa "dritt jew obbligu civili" d-dritt tar-rikorrent li jibqa' jghix Malta.....

Gie sollevat ukoll l-aspett li l-Kumitat ta' Inkjesta la huwa ***Qorti*** u anqas ***awtorita` gudikanti mwaqqfa b'ligi*** ghall-finijiet tal-istess artikolu. Permezz ta' Kapitolu 188 artikolu 14(4) gie mwaqqaf il-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-privazzjoni ta' cittadinanza Maltija u permezz tal-Avviz Legali 40 tal-1991 gew stabbiliti r-regoli dwar l-istess Kumitat. Il-Kumitat jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru tal-Gustizzja u Intern wara li jisma' l-partijiet koncernati izda ma jiehux decizjoni finali ghax tali decizjoni hija riservata lill-Ministru li jista' jaccetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta. Huwa veru li l-Ministru responsabbli ta xi setghat, drittijiet jew privileggi ta' Qorti lill-istess Kumitat bhal ma huma li jsejhu x-xhieda, l-ghoti tal-guramenti, astensjoni u rikuza izda dan ma jwassalx ghall-fatt li tali Kumitat jista' jitqies bhala Qorti jew awtorita` gudikanti. Huwa sinifikattiv hafna l-kliem tal-awturi DJ Harris, M O'Boyle & C Warbrick f'pagna 231 fil-ktieb **Law Of The European Convention On Human Rights** fejn jghidu li ghal finijiet tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni –
"*an important feature of a tribunal is that it must be competent to take legally binding decisions; the capacity to make recommendations or give advice (even if normally followed) is not enough*."

Fil-kawza fl-ismijiet **Ernest Balzan vs Kummisjoni Dwar is-Servizz Pubbliku** ta' din il-Qorti kif presjeduta, deciza fl-14 ta' Gunju 2002 (Rik. Nru. 15/01FS) il-Qorti ezaminat l-inapplikabbilita` ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan bazat fuq li l-imsemmija artikoli mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li l-proceduri ta' ghazla ta' kandidati mhumiex proceduri gudizzjarji, u dan riferibbli ghall-Public Service Commission. Inghad:
"Minn ezami ta' dawn l-artikoli fl-isfond tal-kawza odjerna johorgu cari diversi fatturi:

A. Li fil-Kostituzzjoni l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar “Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili”. Ta’ min josserva li fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni dwar it-Tifsir – ma hemmx definizzjoni la ta’ qorti u lanqas ta’ awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi. L-istess kelma u frasi jistabu fis-sub-artikoli (3) u (4) tal-istess artikolu. Izda l-kliem uzat mill-Kostituzzjoni huwa tant car u ma jhalli ebda dubbju ghal xiex qieghed jirreferi – u cioe’ Qorti u certament mhux qieghed jirreferi ghal Public Service Commission jew ghall-Prim Ministru fil-mansjonijiet tieghu ghall-hatriet fic-civil…

C. Mill-Kostituzzjoni stess tohrog car id-distinzjoni bejn qorti u awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi u dan specjalment wara li wiehed jezamina l-artikoli 39 (1) u (2) fejn wahda tirreferi ghal akkuza kriminali waqt li l-ohra tirreferi ghal drittijiet civili u obbligi…

D. Interessanti kien ukoll dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Il-Pulizija vs Emmanuel Vella” [28/6/1983] fejn ma qablitx ma’ dak li kienet qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-interpretazzjoni taghha tal-kelma qorti minhabba li kienet wisq wiesgha u inkludiet kull forma ta’ Tribunal u awtorita’ fejn hemm decizjonijiet. Dak il-kaz kien jikkoncerna l-Price Control Board u kien hemm decizjoni li l-Bord ma kienx indipendenti u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni. Izda l-Qorti Kostituzzjonali hasset li billi l-Bord kien riferut bhala Qorti fl-Avviz Legali 8 tal-1982 wiehed dejjem ried ihares lejn l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk tribunal “de quo” mhux Qorti ghall-iskop tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk mhux kompetenti biex u ma ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi offizi kriminali li kien akkuzat bihom Vella. Ara wkoll kaz simili ta’ Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et [21/7/1989] fejn il-Qorti qiset li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jigi kkunsidrat qorti u ghalhekk ir-Reolament 23 tal-Motor Vehicles Act 1948 kien jikser il-Kostituzzjoni. Ebda persuna ma tista’ tigi kkundannata b’penali kriminali sakemm mhux f’qorti ta’ natura kriminali li jkun presedut minn Magistrat jew Imhallef…

F. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta’ Gunju, 1988 fl-ismijiet Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru et [Vol LXXII-I-26] il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
“Il-Bord ta’ dixxiplina m’ghandu f’dan l-istadju ebda funzjoni li jinvestiga l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 da parti tal-Bord tal-Inkjesta, liema allegazzjoni tifforma l-meritu tal-kawza izda l-funzjoni tieghu hija li jezamina l-fatti tal-kaz u li a bazi ta’’dawn il-fatti jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar dak li qed jigi migjub kontra r-rikorrenti”.

G. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali Antonia Bartolo et nomine vs Onor Prim Ministru et deciza fid-29 ta’ April, 1996 [spiss riferuta bhala l-kaz tal-Piper Lance li telaq mit-Tunezija ghal Malta] gie ritenut li dak il-Bord la kien qorti u lanqas ta’ awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi. Din kienet inkjesta amministrattiva.

H. Fil-kawza fl-ismijiet Eddie Cachia vs Dr Joe Galea Debono et [deciza fil-21 ta’ Mejju, 1993] il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji ma setghetx titqies bhala qorti ghall-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan wara li qalet li qorti trid tkun indipendenti u imparzjali u s-smiegh isir fil-pubbliku; u li l-persuna koncernata jrid ikollha l-opportunita’ li ggib l-provi kollha; irid ikollha l-poter li tiddetermina l-ezistenza u l-kobor ta’ dritt civili jew obbligu jew l-ezistenza ta’ reat. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilita biex tiddecidi dwar drittijiet civili u obbligi izda li tinvestiga ilmenti maghmulin minn rikorrent li jhoss li jkun baghta ingustizzja maghmula mill-Gvern. Ara wkoll fuq il-Kummissjoni Antoine Tagliaferro et vs l-Onor Prim Ministru [5/10/95 mill-PA] fejn gie ribadit l-istess principju li l-Kummissjoni ma kellix poter li taghti decizjoni finali vinkolanti u li kull ma kienet taghmel taghti parir. Fil-kummissjoni l-proceduri ma kienux isiru fil-pubbliku; m’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ma jidhrux f’sistema avversarja…”

Ghalhekk jidher car li taht dawn l-artikoli ma jistax jinsab ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent anke jekk il-Ministru jaghzel li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta.

Inoltre r-rikorrent ilmenta dwar il-ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja izda l-artikolu 8 ma jistax jigi invokat ghall-kaz in ezami minhabba dak li nghad aktar 'il fuq li l-ghoti jew tnehhija tac-cittadinanza mhux dritt li johrog mill-Konvenzjoni Ewropeja.

Il-fatt li r-rikorrent kellu tifla minn relazzjoni extra-konjugali ma' mara Bulgara b'ebda mod ma jwassal ghal xi dritt tar-rikorrenti biex hu jakkwista c-cittadinanza Maltija. ***Family life*** kif stabbilita fl-artikolu 8 ma tigix bazata fuq il-fatt li bniedem ikollu tarbija u ma jintitolahx ghal dritt ta' cittadinanza. Il-fatt li huwa jghix ma' mara Bulgara f'Malta u kellu tifla minnha certament ma jwassalx ghad-dritt tac-cittadinanza bazat fuq hajja familjari. Jista' wkoll jistabbilixxi l-***family life*** tieghu f'pajjiz iehor. Ara f'dan ir-rigward **Samir El Yeferni v L-Onor. Prim Ministru *et*** deciza mill-Onor. Qorti Civili (Sede kostituzzjonali) fit-28 ta' Gunju 2005.

Dan iwassal li m'hemm ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja."

F'dik is-sentenza l-Qorti ikkonkludiet li:

"Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjonijiet bazati fuq l-artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni. Jifdal biss li jigi ezaminat l-ilment taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ghal dan l-iskop tiddifferixxi r-rikors ghad-29 ta' Marzu 2007 fl-10.30 a.m.".

**D. DECIZJONI TA' L-10 TA' JANNAR, 2008:**

"Rat illi fis-seduta tat-23 ta' April 2007 il-konsulent legali tar-rikorrent talab li jigi ezibit ir-rapport tal-*Board of Enquiry Deprivation of Maltese Citizenship* ghal-liema talba oppona l-intimat. Din hi decizjoni fuq dan l-aspett...

Illi permezz tad-decizjoni ta' din l-Qorti tat-28 ta' Frar 2007, gie deciz li l-provi jkunu limitati biss ghal dak li jirrigwarda trattament diskriminatorju kontra r-rikorrenti. Kif issemma fuq, din il-Qorti gja iddecidiet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli. Minhabba dan l-intimat oggezzjona ghat-talba ta' Dr. Azzopardi.

Il-Qorti tirrileva li l-allegazzjoni tar-rikorrent dwar ksur tad-drittijiet fundamentali dwar in-nuqqas ta' ghoti lilu ta' kopja tar-rakkomandazzjoni in kwistjoni hija marbuta kompletament mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan gja gie deciz minn din l-Qorti fit-28 ta' Frar 2007 fis-sens li l-imsemmi artikolu mhux applikabbli u dak li qieghed jittanta jaghmel ir-rikorrent hija ripetizzjoni ta' dak li gja gie deciz.

Il-provi tar-rikorrent iridu jkunu limitati ghal diskriminazzjoni fis-sens li d-Dipartiment tac-Cittadinanza ilu 'l fuq minn tlett snin ma jmexxi kontra xi ragel jew mara sabiex titnehhielu c-cittadinanza Maltija, u dan minkejja numru kbir ta' sentenzi li ddikjaraw li z-zwieg li sar kien wiehed ta' konvenjenza. L-aspett ta' diskriminazzjoni biss ghandu jigi ezaminat. Il-provi jridu jirreferu jekk l-affarijiet imxewx b'diskriminazzjoni.

Fl-ahhar nett il-Qorti tirrileva li xi kopja ta' rakkomandazzjoni tal-kumitat ma taffetwax il-prova ta' jekk sarux jew le kazijiet kontra persuni ohrajn dwar tnehhija ta' cittadinanza....

Ghalhekk tiddikjara t-talba tar-rikorrent bhala insostenibbli. Tordna l-prosegwiment tal-provi...

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali."

**E. PROVI:**

Xehed <u>Mr. Treeby Ward</u> fejn qal li hu ghandu l-kariga ta' Direttur tac-Cittadinanza. Hu esebixxa d-dokumenti relattivi ghat-tnehhija tac-cittadinanza - kopja tas-sentenza li kienet inghatat, l-ittra li kienu baghtu lir-rikorrent fejn avzawh li kienet ser titnehhilu c-cittadinanza u li seta' jitlob *enquiry.* Qal li r-rikorrent akkwista c-cittadinanza Maltija fl-10 ta' Mejju, 1999. Wara li kien applika biex jigi registrat

bhala cittadin ta’ Malta ghax kien mizzewweg mara Maltija.

Qal li dwar il-kazijiet trattati qabel id-data tar-rikorrent dwar zwiegijiet ta’ konvenjenza, kellhom l-ewwel kaz kien ta persuna Ingliza, it-tieni kaz ta’ Egizjan, it-tielet kaz ta’ Lebaniz u r-raba’ kaz ta’ persuna Libjana qabel ma waslu ghall-kaz ta’ Tarek Mohamed Ibrahim. Qal li l-kumitat kien ilu jezisti mill-1991, fit-12 ta’ Frar 1996 inbidel ic-*chairman*, imbaghad fl-1996 rega’ gie *re-appointed* fl-1999, fl-2002 u fl-2005 u ghadu validu sal-2008 l-hatra tieghu. Ic-*chairman* tal-lum ghadu l-istess u cioe` l-Imhallef Professur Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici. Qal li r-rapport lanqas jintbaghat lilu jintbaghat lill-Ministru u hu jiehu mbaghad l-ordnijiet tal-Ministru. Esebixxa wkoll dokument TW6 li juri d-dati ta’ l-*appointments* tal-*board*. Finalment esebixxa bhala dokument TW7 lista ta’ kazijiet pendenti li qed jigu nvestigati li pero` ma fihomx isem bl-iskop li ma tigix svelata l-identita`.

F’xhieda ohra Joseph Treeby Ward, dwar id-dokument li jinstab a fol 111 qal li d-decizjonijiet ittiehdu kif deher fid-dokument TWX li esebixxa. Dwar il-procedura uzata mid-dipartiment qal li huma jibghatu l-kaz lill-Ministru biex hu jiddeciedi jekk hux kaz li jibaghtu ghad-decizjoni ghand il-kumitat jew le. Id-dipartiment kull ma jaghmel hu li jirriferih lill-Ministru. Dwar kif isiru jafu bil-kazijiet qal li jiddependi, jista’ jkun li jkun riferit lilhom fis-sentenza finali, jista’ jkun li jkun hemm glied bejn il-partijiet u wahda mill-partijiet tmur ghandhom, kif kien dan il-kaz izda ma hemm xi haga fissa. Semma li gieli kien hemm xi kazijiet li l-Qorti fis-sentenza taghha tirriferi l-kaz lid-Dipartiment tac-Cittadinanza ghal kull azzjoni li ghandha tittiehed. Qal li kien hemm xi erbatax, hmistax-il kaz pendenti u hemm lista ta’ kemm hemm kull nazzjonalita`. Spjega li kien hemm seba’ kazijiet li kienu gew decizi u kien hemm hmistax ohra li kienu ghandhom pendenti.

Spjega kif l-affarijiet dak iz-zmien (April 2008) kienu weqfin, u dan minhabba li t-terminu tal-vot kien jaghlaq fil-25 ta’ April u peress li kien hemm l-elezzjoni. Ghal din ir-raguni l-bordijiet kollha jiefqu u ma jkunx hemm bord. Qal

li kazijiet fejn tigi riferuta lilhom fis-sentenza tal-Qorti kienu tnejn jew tlieta. Semma li l-Ministru ma jidholx fiha dwar privazzjoni dwar cittadinanza. Meta jkunu jafu b'xi kaz jew tmur ghandhom xi sentenza, huma jghaddu r-rakomandazzjonijiet taghhom fuq il-kaz lill-Ministru, u dan jiddeciedi jekk ghandiex tmur quddiem il-kumitat jew le. Spjega kif imbaghad min hemmhekk tibda l-procedura, jiktbu lill-individwu koncernat, javzawh li ser titnehhilu c-cittadinanza u li jekk irid jaghmel rikjesta biex ikollu board. Sostna li fil-kaz tar-rikorrent kienu wzaw l-istess procedura. Qal li jidhirlu li kien hemm xi ittra mill-avukati tal-mara u imbaghad kienu komplew l-affarijiet izda kien hemm aktar ittri u kien dahal fiha l-Ministru.

Xehdet <u>Lourdes Lautier</u>, Deputat Registratur fil-Qorti tal-Familja, u dwar iz-zwigijiet ta' konvenjenza li kien hemm bejn l-1991 u l-2008 qalet li kull ma kellha kien dak ta' l-Imhallef Pace, kemm dam hu fil-Qorti tal-familja. Esebiet dokument relattiv li jittratta dwar zwigijiet ta' konvenjenza. Qalet ukoll li minn ta' l-Imhallef Cuschieri ma nzamm l-ebda *record* u minn ta' l-Imhallef Azzopardi d-Deputata tinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' notifika.

Xehed <u>Tarek Mohamed Ibrahim</u> bl-Ingliz, u qal li wara s-separazzjoni hu xorta baqa' jghix ma' martu ghal sena u nofs u sa dak iz-zmien kien ghadu ma rcieva ebda ittri. F'dak iz-zmien avolja kienu separati, ippruvaw jirrangaw l-affarijiet bejniethom izda kien kollu ghal xejn. Semma li huma kienu ser jghixu fi *flat* gewwa s-Swieqi imma meta kien wegga', ghax kien *footballer*, kienu marru jghixu ma' omm il-mara tieghu u imbaghad ghal xi zmien wara marru jghixu l-Fgura u fl-ahhar marru Ta' Giorni. Semma li martu kienet qaltlu li riedet is-separazzjoni tal-beni ghax riedet *loan*. Wara erba' snin ta' zwieg u sena u nofs ohra jghixu flimkien kienu ndunaw li l-affarijiet ma kienux mexjin sew u l-mara tieghu kienet telqet u jahseb li marret tghix ma' ommha.

Qal li darba minnhom kienu ltaqghu u l-mara tieghu kienet staqsietu jekk hux vera li kien qed jiltaqa ma' mara ohra. Hu irrispondieha u qalilha li jekk kien qed jiltaqa' ma' mara ohra anke hi kienet qed tiltaqa' ma' ragel iehor. Hi kienet

qaltlu li hi kienet f’pajjizha imma hu ma kellu l-ebda dritt li jkun ma’ mara Bulgara u kienet qaltlu li kellu jitlaq. Semma li xi tliet gimghat wara dak l-episodju kien ircieva ittra mill-Ministeru tal-Gustizzja fejn kienet tghid li kellu jitlaq mill-pajjiz u li kienu qed jirtirawlu c-citadinanza. Qal li meta kien ha c-cittadinanza Maltija hu kien irrinunzja ghal dik Egizzjana u li jekk illum l-affarijiet jimxu ’l quddiem skond l-ittra tal-Ministeru tal-Gustizzja hu jkun bla stat peress li m’ghadx ghandu c-cittadinanza Egizzjana. Qal li wara li rcieva l-ittra kien ikkuntatja lill-mara u qalilha li l-affarijiet riedu jitrangaw, bil-possibilta` li huma jsiru hbieb. Hi kienet qaltlu li kienet ser tipprova tkellem lill-Ministeru fejn kienet ghamlet telefonata u appuntament. Kienu marru l-Minsteru flimkien u kienet staqsiet ghal certu Felix. Qal li kienu qalulha li kien tard wisq u li l-affarijiet ma setghux jigu rrangati.

Qal li quddiem Dr. Mifsud Bonnici hi xehdet fil-prezenza tieghu dwar il-punti ta’ l-affidavit u qal li f’hin minnhom kienet inkwetata. Semma li hu ghadu jiltaqa’ ma’ martu kull tant u hi tistaqsieh dwar dawn il-proceduri u li tixtieq li kollox jigi solvut.

Xehdet Anna Zaharifa bl-Ingliz, u qalet li ilha taf lir-rikorrent ghal dawn l-ahhar hames snin u nofs. Qalet li huma ltaqghu Malta gewwa hanut tal-kafe` fejn kienet tahdem. Kien qalilha li kien separat u bdew jiltaqghu kuljum u ghadhom flimkien. Semmiet li wara xi sena u nofs jaraw lil xulxin inqabdet tqila u ghandhom tifla u llum ighixu flimkien. Esebiet ritratt tat-tifla taghhom. Semmiet li meta twieldet it-tifla huma riedu jirregistrawha fir-registru pubbliku izda meta marret id-Dipartiment tac-Cittadinanzi kienu qalulha li qabel ma tinqata’ l-kwistjoni fil-Qorti huma ma setghux jaghtu passaport lil binthom. Qalet li llum it-tifla ghandha passaport Bulgaru u meta telqet minn Malta kienu ghamlulha *travel document* mill-ufficcju tal-passaporti. Il-passaport kien inhareg fl-20 ta’ Ottubru 2008. Qalet li bintha kienet twieldet gewwa Malta.

Semmiet li lil Anna Grech kienet saret tafha xi erba’ snin u nofs ilu u qabel qatt ma kienet iltaqghet maghha. Qalet li darba minnhom meta kienet il-*flat* semghet il-*lock* jinfetah

u meta marret tara min kien gie rat li kienet hi. Kienet kissritilha l-*mobile* u haditilha s-*sim card* u kissritilha xi affarijiet ohra. Xi nofs siegha wara kien mar Tarek u bdew jilletikaw u hi telqet ’il barra. Qalet li Anna Grech kienet qaltilha li jekk tibqa’ tiltaqa’ ma’ Tarek kienet ser issib mod biex tkecciha mill-pajjiz u tirrevokalha l-permess.

Xehdet Anna Grech u semmiet li Tarek huwa r-ragel taghha u li kienu zzewgu fl-1998. Qalet li dak iz-zmien Tarek kien *footballer* u wara li kienu zzewwgu kienu marru joqghodu flimkien ghal erba’ snin. Semmiet li mill-erba’ snin kienu ghamlu zmien jghixu ghand ommha. Qalet li hi kienet iltaqghet mal-familja tieghu meta kienu marru l-Egittu wara z-zwieg u darba minnhom anki marret wehidha u dejjem sabet rispett minghandhom. Hi twieldet u ghexet bhala kattolika izda wara li zzewwget lir-rikorrent sallum il-gurnata hi tirrispetta hafna r-religjon tieghu. Semmiet li ommha ma kenitx taf li ser tizzewweg. Qalet li wara li kienet hadet is-separazzjoni hi kienet qed tohrog ma’ *boy-friend* iehor. Kienet taf li r-rikorrent kien se jkollu *baby* waqt li matul iz-zwieg tieghha hu qatt ma ried ikollu tfal.

Semmiet li l-*boy-friend* li kellha kien qalilha li Tarek kien izzewwigha biex jibqa’ hawn u kien qalilha li kellha c-cans li tiddeportah u kien irreferiha ghall-Ministru u ghal Felix Camilleri. Qalet li kienet marret tkellem lil Felix Camilleri u lill-Ministru u kienet tatu d-dettalji kollha. Camilleri kien qalilha li ma kenitx l-ewwel wahda li zwiegijiet ma’ gharab jispiccaw b’dak il-mod. Dak iz-zmien kienet ghadha ma saritx is-separazzjoni u qalet li hi annulament ippruvat taghmel. Hi kienet gabitu l-annullament u kienet tmur ghand is-Sur Camilleri ta’ spiss anke wara li gabet l-annullament.

Qalet li f’okkazjoni kienet iltaqghet mal-mara l-ohra, liema mara kienet kissritilha z-zwieg u dahlet fin-nofs u ghalhekk kienet irribellat, ma felhitiex izjed u kienet sawwtitha. Wara kien iddispjaciha b’li ghamlet, izda qalet li hi habbitu lil Tarek u ghadha thobbu sal-lum. Semmiet li f’okkazjoni minnhom kienet marret ghand Felix Camilleri fejn kienet qaltlu biex jieqfu l-affarijiet u hu kien qalilha li la l-affarijiet

bdew ma setghux jieqfu. Sostniet li l-annullament taz-zwieg kienet bdietu hi u dan inghata minhabba li z-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza. Qalet li meta xehdet quddiem il-Bord ta' Inkjesta quddiem il-Professur Mifsud Bonnici, ghall-istess tip ta' domandi li sarulha llum kienet irrispondiet. Dwar il-mara l-ohra ta' Tarek qalet li hija ta' nazzjonalita` barranija pero` ma tafx ezatt minn fejn hi. Taf li jisimha Anna bhalha imma jghajtulha Amy. Qalet li hi kienet xtaqet tara lil bintu avolja mhix taghha.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Mizzi, Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza fejn ilu f'din il-kariga minn Settembru 2007. Ilu jahdem mad-Dipartiment tac-Cittadinanza mill-1989 fejn okkupa diversi karigi fosthom ta' Assistent Direttur ghal seba' snin shah. Dwar il-kaz odjern, ghalkemm ma kienx hu li mexxa l-proceduri, qal li mill-*files* irrizulta li Tarek Mohamed Ibrahim kien izzewweg lil Anna Grech fis-sena 1998 u ghalhekk kien eligibbli biex japplika ghar-registrazzjoni bhala cittadin Malti taht l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni. Semma li r-rikorrent kien gie registrat bhala cittadin Malti fl-10 ta' Mejju 1999.

Ftakar illi Anna Grech kienet marret id-Dipartiment biex tistaqsi dwar il-proceduri biex ir-rikorrenti jigi privat mic-cittadinanza Maltija u dan ghamlitu aktar minn darba biex tinforma ruhha. Qal li l-proceduri biex ir-rikorrent jigi privat mic-cittadinanza bdew peress li kien hemm sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn iz-zwieg tar-rikorrent ma' Anna Grech gie annullat peress li l-Qorti sabet li kien zwieg ta' konvenjenza. Abbazi ta' din id-decizjoni r-rikorrent kien gie infurmat mid-dipartiment li l-Ministru kien ser jipprivah mic-cittadinanza Maltija. Kien gie infurmat ukoll li skond l-Artikolu 14 (4) ta' Att dwar ic-Cittadinanza Maltija kellu dritt biex jitlob li ssir inkjesta. Effettivament, ir-rikorrent talab biex issir tali inkjesta, liema inkjesta inghalqet u tat ir-rakkomandazzjonijiet taghha lill-Ministru. Semma li fit-12 ta' April 2006 ir-rikorrent kien gie privat mic-cittadinanza Maltija.

Spjega li kazijiet li jinvolvu privazzjoni ta' cittadinanza jigu ezaminati mid-Dipartiment abbazi ta' l-informazzjoni u dokumentazzjoni li jkollu d-dipartiment. Qal li

generalment, tali dokumentazzjoni tkun sentenza tal-Qorti tal-Familja li permezz taghha jigi annullat zwieg u fejn ikun hemm referenza ghal cirkostanzi li jindikaw li jkun hemm zwieg ta' konvenjenza. Semma wkoll li privazzjoni tista' issir ukoll f'kaz fejn ikun hemm provi skjaccanti li juru bic-car illi z-zwieg huwa wiehed ta' konvenjenza. Id-dipartiment ma ghandu l-ebda kontroll fuq ic-cirkostanzi li jwasslu ghall-annullament taz-zwigijiet u wisq inqas illi tali zwigijiet ikunu jinvolvu persuni ta' xi grupp etniku, nazzjonalita`, kulur jew religjon partikolari.

F'xhieda ohra, mistoqsi dwar x'linji jiehu d-dipartiment meta jkun hemm zwigijiet li kienu gew dikjarati bhala zwigijiet ta' konvenjenza, qal li huma jiehdu pariri legali jekk ikunx hemm bazi li tigi privata cittadinanza skond l-Att Dwar ic-Cittadinanza. Jekk il-kaz ikun fl-affermattiv, jigi mghoddi lill-Ministru li huwa responsabbli mic-cittadinanza u dan jiddeciedi jekk ghandux johrog, jekk ghandux javza lill-individwu li ser tittehidlu c-cittadinanza halli mbaghad jinghata cans li jiddefendi ruhu quddiem il-Kumitat tad-Deprivazzjoni.

Dwar jekk hemmx linji differenti ta' decizjoni qal li d-Dipartiment ghandu lista ta' kazijiet, ta' funzjonijiet u ta' *tasks* u hemm il-prijoritajiet tal-funzjonijiet. Qal li d-Dipartiment irid isib il-hin u l-prijorita` li jaghmel il-kazijiet kollha izda l-process jiehu fit-tul. Il-Kumitat kien rega' gie stabbilit u mwaqqaf ricentement u l-kazijiet qed jittiehdu in konsiderazzjoni. Qal li mhux possibli li jittrattaw mal-kazijiet kollha f'daqqa u fil-hin kif jixtiequ. Dwar il-kaz tar-rikorrent qal li meta gie a konoxxenza taghhom huma ghaddew minnufih.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Felix Camilleri</u>, *Secretariat Officer* fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin fejn issemma li fiz-zmien mertu tal-kawza kien fl-istess kariga pero` fil-Ministeru tal-Gustizzja u l-Intern. Semma li Anna Grech kienet marret diversi drabi ghandu, fuq medda ta' xi sentejn, fejn fil-bidu kienet titlobhom biex ir-ragel taghha tinghatalu c-cittadinanza. Qal li peress li r-ragel taghha kien jikkwalifika ghac-cittadinanza, din inhargitlu u sar cittadin Malti. Spjega li wara ftit zmien, Anna Grech

regghet bdiet tmur il-Ministeru tistaqsi kif tista' taghmel biex terga' tittihidlu c-cittadinanza. Kienet allegat li r-rikorrent ma kienx qed jittrattha tajjeb. Qal li huma kienu qalulha li biex dan isir kellu jsir il-process normali u dan jekk jirrizulta mill-provi li jressqu li juru li kien hemm xi qerq biex giet akkwistata c-cittadinanza. Semma li da parti taghhom ma ssir ebda distinzjoni bejn persuni ta' kulur, razza u nazzjonalita` li tittehdilhom ic-cittadinanza u sostna li c-cittadinanza tittiehed biss jekk ikun instab xi qerq fl-akkwist taghha.

F'xhieda ohra qal li hu m'ghandux awtorita` jiddeciedi fuq dawn l-affarijiet izda hu jisma' l-affarijiet u jghaddihom lid-dipartiment koncernat. Zied jghid li kazi bhal dawn gieli kellhom u l-istess proceduri kienu jaghmlu. Qal li kien hemm kazijiet fejn id-dipartiment ha l-azzjonijiet opportuni pero` ma setax isemmi l-ismijiet. Sostna li hu ma jidholx fir-rapport li jkun ghamel il-Bord mahtur mill-Ministru.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

It-tieni talba tar-rikorrenti tghid li l-Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet:

"ta' l-imsemmi Artikolu 45 dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur jew fidi "li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn"

Ir-rikorrent sostna li fil-konfront tieghu l-awtoritajiet imxew b'mod differenti minn kif kienu jimxu ma' persuni ohra fl-istess qaghda tieghu <u>sa dak iz-zmien (u cioe`</u> mhux x'beda jigri wara l-prezentata tar-rikors promotur, izda s-sitwazzjoni <u>sa dakinhar li gie pprezentat ir-rikors promotur</u>. Giet prodotta lista [prokurata mid-Deputat Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)] ta' persuni barranin li fir-rigward taghhom gie deciz li z-zwieg taghhom ma' Maltin

kien zwieg ta' konvenjenza. Ghalkemm kien hemm mijiet ta' ismijiet, wahdiet, izda, kienu l-kazijiet li fihom l-intimati hadu passi ghat-tnehhija tac-cittadinanza Maltija. Sostna li hu kien l-uniku wiehed *Stateless.*

Ikkontenda li z-zwieg tieghu kien wiehed normali. Difatti, huwa zzewweg fis-sena 1999, il-kawza ta' annullament giet mibdija fis-sena 2001 u z-zwieg gie annullat ghar-ragunijiet li xehdet dwarhom Anna Grech stess b'sentenza moghtija fit-30 ta' Marzu 2004. Ghalhekk, dan ma kien zwieg ta' konvenjenza xejn minkejja li llum hemm sentenza f'dan is-sens li ghaddiet in gudikat.

Ir-rikorrent li d-dritt tieghu huwa bbazat fuq id-dritt ghal harsien minn diskriminazzjoni fit-tnehhija tac-cittadinanza li huwa diga` kellu.

Ir-rikorrent sostna li dak li mmotiva lid-Dipartiment biex inehhilu c-cittadinanza Maltija kienet l-insistenza ta' Anna Grech. Ghaldaqstant din il-mizura kienet wahda *ad hominem* – motivata mill-insistenza ta' Anna Grech, li d-Dipartiment ceda ghaliha. Felix Camilleri xehed fl-affidavit tieghu li Anna Grech bdiet tmur il-Ministeru biex terga' tittehidlu c-cittadinanza. Imbaghad, id-Dipartiment rega' nehha c-Cittadinanza lir-rikorrent meta Anna Grech kisbet sentenza li tghid li z-zwieg kien zwieg ta' konvenjenza. Ghalhekk ir-rikorrent sostna li d-Dipartiment dejjem mexa skond l-esigenzi ta' Anna Grech, u li l-operat tieghu gie ttrattat "*ad hominem*". Jinsisti ghalhekk li Anna Grech ezercitat influwenza illecita fuq il-process ta' tnehhija tac-cittadinanza. Izid li kieku Anna Grech ma insistietx mad-Dipartiment sabiex inehhi lir-rikorrent ic-cittadinanza Maltija, ic-cittadinanza ma kienitx titnehhielu. Fil-fehma tieghu ghalhekk, id-Dipartiment intimat ma kienx motivat minn *policy* tieghu izda wasal biex inehhi c-cittadinanza lir-rikorrent minhabba li kien hemm persuna privata qed tinfluwenza dik id-decizjoni.

Irrefera ghall-kaz ta' **Anita Lowell vs. Mohamd A. Alshab** (deciz fis-27 ta' Mejju 2004 mill-Qorti Civili

(Sezzjoni tal-Familja) 298/2002 RCP) fejn id-Dipartiment f'kaz ta' zwieg ta' konvenjenza lanqas meta kellu prova ta' tixhim, effett tad-droga u theddid serju ma ha passi biex lill-individwu titnehhielu c-cittadinanza.

Irrifera ukoll ghall-kaz fl-ismijiet **Cettina Josephine Kok vs. Avukat Dottor Tonio Azzopardi** (deciza fl-1 ta' Novembru 2006 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) 204/2005 NC): fejn hawn ukoll id-Dipartiment ma ha l-ebda azzjoni ghat-tnehhija tac-cittadinanza.

**Ikkunsidrat**

L-intimati rreferew ghal kawza fl-ismijiet **Vassallo *et* vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-16 ta' Awissu 1976 deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fejn gie osservat:

'Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-*rule of law* li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: «*it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch* …». Qabel xejn, pero`, ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nfisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem "sans distintion aucune" u fit-test Ingliz "*without discrimination*", u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: "*In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to*

*judge as contrary to the Convention every one of the may legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted* …”. Dan hu konformi ma’ l-interpretazzjoni ta’ diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe’ l-kuncett ta’ l-ugwaljanza ta’ trattment ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghdha tigi ezaminata. Differenzjazzjoni pero’ biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta’ l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta’ proporzjonalita’ bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat’.

Illi dwar **diskriminazzjoni** din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Enrietta Bianchi *et* vs l-Avukat Generali *et*** deciza fil-15 ta’ Marzu, 2010 [Rikors Nru: 12/08FS] qalet:
‘Ir-rikorrenti trattaw ir-rikors mill-aspett ta’ diskriminazzjoni, u irreferew ll-kawza fl-ismijiet **Wessels-Bergervoet vs The Netherlands** deciza mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002 fejn jinghad:
*"The Court reiterates that the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification"*

Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod

ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet **Dr. Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru** fejn intqal:
"1. Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu trattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici eccetra tal-persuni) jew; (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat. (Ara "**Il-Pulizija -vs- Dottor Joseph Muscat**" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali - 28 ta' Lulju, 1989, "**Avukat Dottor Tonio Borg noe -vs- Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et**" - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali - 2 ta' Mejju, 1984, "**Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et**" - Qorti Kostituzzjonali - 20 ta' Frar, 1987 u bosta ohrajn)."

Ara wkoll "*Law of the European Convention on Human Rights*" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "*Law and Practice of the European Convention on Human Rights*" - Gomien Harris, *and* Zwack *page* 345 et].

Fil-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Tonio Borg et vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17/02/88 (Vol. LXII-I-II-9) insibu:
"Fil-mertu l-Qorti sabet li kien hemm diskriminazzjoni ghad-dannu tar-rikorrenti billi dawn ma kienux inghataw permess jaghmlu l-wirja suggerita meta entitajiet politici ohra nghataw tali permess. Inoltre rrizulta li ma kienx hemm gustifikazzjoni fil-fatti ghal cahda ta' tali permess."

Ukoll, fil-kawza **Charles Spiteri vs Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet**, deciza fil 5 ta' Ottubru 1988 (Vol. LXXII-I-II-71) ir-rikorrent kien Ghawdxi impjegat mal-

*Public Works*; minn zmien twil l-impjegati tal-Gvern Ghawdxin kellhom koncessjoni li nhar ta' Gimgha jitilqu ftit qabel l-ohrajn minn fuq ix-xoghol u nhar ta' Tnejn jidhlu ftit tard. Wara li ttiehdet azzjoni industrijali mill-impjegati tal-Gvern, lill-impjegati Ghawdxin li obdew id-direttiva ta' l-*unions* giet revokata lilhom din il-koncessjoni. Wara jumejn l-istess koncessjoni regghet giet moghtija lil dawn l-impjegati ad eskluzjoni tar-rikorrent li kien il-President ta' wahda mill-*unions* li hadu azzjoni industrijali. Il-Qorti rriteniet li dan kien jammonta ghal ksur ta' l-artikolu 42 (1) u 45 (2) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrent, u cioe` ksur tad-dritt tieghu tal-liberta` ta' assocjazzjoni u ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni. It-tnehhija tal-koncessjoni fuq imsemmija fil-konfront tar-rikorrent kienet tfixklu fit-tgawdija tad-dritt tieghu ta' liberta` ta' assocjazzoni. Il-kelma "tfixkel" uzata mil-ligi ghandha fiha nfisha sens ampju u mhux ristrett.

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Debono Grech vs Albert Mizzi et noe**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 1999 (Vol. LXXXIII-I-1) intqal:
"Mhux kull trattament differenti jarreka vantagg anke b'movent politiku jikkostitwixxi agir diskriminatorju li jammonta ghall-ksur ta' drittijiet fondamentali. Il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti jehtiegilhom ikunu arginati fid-definizzjoni ta' dak il-paragun li hu meqjus li jikkostitwixxi diskriminazzjoni ghall-fini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghandhom ukoll jigu skartati konsiderazzjonijiet ta' dritt li kienu jemanu minn ligijiet ohra, bhal dawk li jirregolaw il-kuntratt ta' impieg adegwat ghall-ilment tar-rikorrent, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-allegazzjoni li hu kien gie mkecci ingustament mill-post tax-xoghol tieghu.

Il-kostituzzjoni mhux biss tiddetermina b'mod tassattiv il-*grounds* ta' diskriminazzjoni imma wkoll tesigi li jkun jirrizulta dan l-element ta distinzjoni posittiva, materjali u attwali, fit-trattament bejn persuna ta' l-istess deskrizzjoni. Il-pozizzjoni taht il-Konvenzjoni Ewropeja hija differenti fis-sens li ma hemmx ghalfejn issir il-prova tal-motivazzjoni politika tad-diskriminazzjoni."

Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni dak li jrid jigi ppruvat huwa li l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom. Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Louis Galea *noe et* vs Kummissarju tal-Pulizija *et*** deciza fit-22 ta' Jannar 1990 mill-Qorti Kostituzzjonali gie ritenut illi l-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni :
"timporta zewg elementi, u cioe` li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (*in pari condizione*) gie jew kien gie trattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari".

Ukoll fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Aquilina u Marianna Aquilina** deciza fit-23 ta' Lulju 2008 inghad:
"Illi biex jigi mistharreg l-ilment taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni l-Qorti jidhrilha xieraq li jinghad li llum il-gurnata huwa stabbilit sewwa li biex jitqies li jkun inghata trattament diskriminatorju kontra persuna jehtieg jirrizulta li (a) jkun inghata lil persuna trattament differenti minn dak moghti lil persuna jew ghadd ta' persuni ohrajn (b) li jkunu fl-istess qaghda jew wahda li tixbahha, (c) liema trattament differenti ma jkunx oggettivament jew ragonevolment misthoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-ghan mixtieq u l-mezz uzat".

Ghalhekk hemm diskriminazzjoni <u>biss</u>

- meta kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti
- u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

Issa irrizulta li b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Imh. R. Pace fil-kawza fl-ismijiet **Anna Grech vs Tarek Mohammed Ibrahim** [285/2001 RCP] iz-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fis-16 ta' Mejju, 1998 huwa null u bla ebda effett legali *ab initio* u dan stante li l-kunsens ta'

l-attrici kien vizzjat abbazi tal;-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.

Id-decizjoni tal-Ministru hija wahda maghmula *ai termini* ta’ l-Att dwar ic-Cittadinanza - Kapitolu 188.

Irrizulta li kien hemm persuni Inglizi, Egizzjani, Lebanizi u Libjani li kellhom zwigijiet ta’ konvenjenza. Dawn eventwalment waslu ghad-deprivazzjoni tac-cittadinanza Maltija. Dan sar irrespettivament mir-razza, twemmin u post ta’ origini taghhom.

Ghalhekk l-allegazzjonijiet li l-intimati imxew b’mod diskriminatorju jew b’mod irregolari huma allegazzjonijiet bla ebda bazi. Irrizulta li meta jidhol rapport mad-Dipartiment dan jigi investigat metikolozament u meta rrizulta ttiehdu l-proceduri ghall-privazzjoni. Irrizulta mid-deposizzjonijiet ta’ l-ufficjali governattivi li ma kienet saret ebda diskriminazzjoni [ara deposizzjonijiet ta’ Treeby Ward, Joseph Mizzi u Felix Camilleri fuq riassunti]. Ir-rikorrent ghamel l-ilment tieghu quddiem il-Kumitat ta’ Inkjesta.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimati li ma kien hemm ebda ksur ta’ l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u li ghalhekk ir-rikorrent ma sofra ebda trattament diskriminatorju mill-intimati. Tiddikjara li l-agir ta’ l-intimati fil-konfront tar-rikorrent kien wiehed ghal kollox legittimu, mehuda mill-intimati fit-termini tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim’Awla fit-30 ta’ Marzu, 2004. Ma irrizulta ebda ksur ta’ dan l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------